# POLITIKA DWAR IŻ-ŻAMMA TAD-DATA

# FID-DIRETTORAT GĦALL-GĦAJNUNA SOĊJALI U INVESTIGAZZJONIJIET –

# UNIT GHALL-OSSERVANZA TA' BENEFIĊĊJI

## SKOP

1. Din il-Politika timmira li tirregola ż-żamma, il-manutenzjoni u r-rimi ta' dokumentazzjoni, kemm dik personali u kemm oħrajn, fi ħdan Il-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji kif mogħti fil-provedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (KAP.318) u skont il-prinċipji tal-protezzjoni tad-data u dispożizzjonijiet legali oħrajn fil-Liġi Maltija.

## SFOND

2. Ir-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data (RĠPD) jistabbilixxi l-prinċipju li data personali u data personali sensittiva m'għandhomx jinżammu għal perjodi itwal milli huwa meħtieġ. F'dan il-kuntest il-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji qed jistabbilixxi politika ta' żamma għal kull tip ta' data u dokumentazzjoni li jiġbor u jipproċessa bl-iskop li jassigura jkun hemm konformità mar-Regolament u sabiex jassigura wkoll li ebda riżorsi ma jintużaw fl-ipproċessar u fl-arkivjar ta' data li m'għadhiex relevanti.

## GĦANIJIET

3. Din il-politika għandha l-għan li tilħaq dawn l-objettivi:
   i. Tirregola ż-żamma u r-rimi ta' tipi ta' dokumentazzjoni varji, kemm dik miżmuma manwalment u kemm dik miżmuma b'mod elettroniku f'sistemi għaż-żamma ta' arkivji fi ħdan il-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji, filwaqt li tirrispetta l-prinċipju tal-Protezzjoni tad-Data illi data personali m'għandhiex tinżamm għal perjodu itwal minn dak meħtieġ;
   ii. Tarmi dokumentazzjoni li m'għadhiex relevanti u li qed tokkupa spazju utli għall-ħażna;
   iii. Tippromwovi dokumentazzjoni diġitali, safejn hu raġonevolment possibbli sabiex tnaqqas l-ispazju meħtieġ għaż-żamma ta' dokumentazzjoni, u wkoll sabiex tippromwovi l-użu sostenibbli tal-karta u ta' apparat konsumabbli għall-istampar.

## AMMINISTRAZZJONI

4. Id-Dokumentazzjoni tinżamm u tiġi rreġistrata mid-Desk Officers tal-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji. Din il-Politika, għalhekk hija applikabbli għal din id-dokumentazzjoni. Ser tkun ir-responsabbiltà ta' dawn l-Uffiċjali, u tal-kontrollur, id-Direttur għall-Għajnuna Soċjali u Investigazzjonijiet sabiex jiżguraw li d-dispożizzjonijiet kollha ta' din il-Politika jiġu rispettati.

DOKUMENTAZZJONI MIŻMUMA FI ĦDAN IL-UNIT GĦALL-OSSERVANZA TA’ BENEFIĊĊJI

5. Bħala parti mir-rekwiżiti operattivi tieghu, il-Unit għall-Osservanza ta’ Benefiċċji jitlob u jżomm firxa wiesgħa ta' dokumentazzjoni fosthom data personali. Id-diversi tipi ta' dokumentazzjoni użati mill-Unit għall-Osservanza ta’ Benefiċċji jistgħu jiġu kkategorizzati kif ġej:
   a. Data personali tal-impjegati tal-Unit għall-Osservanza ta’ Benefiċċji
   b. Data relatata mal-persuni investigati bil-għan li jiġi stabbilit jekk humiex f’osservanza mal-provedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

SIGURTÀ TA’ DOKUMENTAZZJONI

6. Id-Dokumentazzjoni qed tinżamm f’post aċċessibbli imma sigur b’aċċess adegwat għall-uffiċjali li għandhom il-livell ta’ approvazzjoni meħtieġa sabiex jaċċessaw id-dokumentazzjoni rilevanti. Fil-każ ta' dokumenti b'data personali sensittiva b'livelli ogħla ta' approvazzjoni għal aċċess, il-protokolli ta' kontroll ta' aċċess huma mħarsa b'mod sħiħ, sabiex jiġi żgurat li dawk biss li jkollhom l-approvazzjoni tas-sigurtà meħtieġa jkollhom aċċess għal tali dokumentazzjoni.
7. Fil-każ ta' data personali, ir-RĠPD jistipula wkoll li dawk biss meħtieġa biex jipproċessaw *data* personali għandu jkollhom aċċess għal rekords personali.
8. Uffiċjali li jiksru dawn il-protokolli ta’ sigurtà, u għalhekk bi ksur tar-RĠPD, ikunu soġġetti għal azzjoni dixxiplinarja.

REKORDS MANWALI U/JEW ELETTRONIĊI

9. F'termini ta' perjodi ta' żamma, irid jingħad illi l-istess perjodu ta' żamma japplika kemm għal data elettronika kif ukoll għal data manwali.

REKORDS TA’ CCTV U AWDJO

10. Kull rekord ta’ CCTV u Awdjo li jinkludu dawk li jittieħdu waqt l-intervisti jinżammu għal perjodu massimu ta’ għaxart ijiem.
    F’każ ta’ inċidenti speċifiċi jew mġieba mhux flokha, li tkun ġiet irrekordjata bis-CCTV u/jew bl-Awdjo, jista’ jinżamm estratt mir-rekord biex jintuża bħala evidenza fil-futur jew biex isaħħaħ l-investigazzjonijiet u/jew biex jistabillixxi u/jew jiddefendi talbiet legali.

EŻENZJONIJIET

11. L-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (KAP. 318)
    L-Att dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data (KAP.586 – AL 177 tal-2018)

PERJODU TA’ ŻAMMA

12. Iż-żamma ta’ kategoriji differenti ta’ dokumenti hi regolata minn ħtiġijiet, leġislazzjonijiet u regolamenti differenti.

L-obbligi ta' retenzjoni għall-kategoriji varji ta' dokumentazzjoni fi ħdan il-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji huma kif jidhru hawn taħt:

- Każijiet ġodda li jiġu rrapurtati fejn hu allegat li m'hemmx osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji skont il-provedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (KAP.318) fejn:
  a) Il-persuna li ġiet irrapurtata mhijiex fil-preżent tirċievi benefiċċji soċjali,
  b) Qatt ma kienet tirċievi benefiċċji soċjali jew kienet tirċievi benefiċċji soċjali imma fil-preżent ma tirċevix, jew
  c) L-informazzjoni li rċieva l-Unit mhijiex biżżejjed biex tiġi kondotta investigazzjoni.

Dawn ir-rapporti jinżammu għal perjodu massimu ta' sena mid-data tal-aħħar rapport riċevut. F'dawn il-każijiet ma jinfetaħx fajl. Jekk il-Unit ma jirċevix iktar rapporti jew jekk il-persuna tibqa' ma tirċevix xi benefiċċju soċjali, ir-rapport jiġi identifikat fl-eżercizzju li jsir mill-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji kull sitt xhur, u wara jiġi distrutt.

- Każijiet li jiġu rrapurtati fejn hu allegat li m'hemmx osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji skont il-provedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (KAP.318), li jkunu ġew investigati u li nstab li hemm osservanza skont il-provedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali jinżammu għal perjodu massimu ta' tlett snin mid-data tal-aħħar Rapport Investigattiv. Wara li jgħaddi dan il-perjodu, il-fajl tal-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji jiġi identifikat fl-eżerċizzju annwali li jsir mill-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji Soċjali u wara jiġi distrutt.

- Każijiet ġodda li jiġu rrapurtati fejn hu allegat li m'hemmx osservanza fil-ħlas ta' benefiċċji skont il-provedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (KAP 318), li jkunu ġew investigati u li nstab li m'hemmx osservanza skont il-provedimenti tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, jinżammu għall-perjodu mhux inqas minn ħames snin mid-data tal-aħħar Rapport Investigattiv jew sakemm il-benefiċċjarju jkun ħallas lura kull ħlas żejjed li kien irċieva riżultat ta' tali invesigazzjoni, skont liema perjodu ikun l-itwal. Wara li jgħaddi dan il-perjodu, il-fajl tal-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji jiġi identifikat fl-eżerċizzju annwali li jsir mill-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji Soċjali u wara jiġi distrutt.

- F'każ li jiġu identifikati każijiet oħra li mhumiex imsemmijin hawn fuq, dawn jiġu miżjuda fil-Politika dwar iż-Żamma ta' Data li tiġi riveduta biex tilħaq tali ċirkostanzi.

## KONKLUŻJONI

L-għan ta' din il-politika dwar iż-żamma ta' dokumentazzjoni huwa li jintlaħaq bilanċ bejn iż-żamma ta' informazzjoni utli u bżonnjuża, skont id-dispożizzjonijiet leġislattivi relevanti u r-rimi ta' data li m'għadx hemm il-ħtieġa tagħha u qed tiġi arkivjata b'mod eċċessiv. Data li trid tiġi distrutta wara d-dati stabbiliti tiġi disposta b'mod effiċjenti sabiex jiġi assigurat li tali informazzjoni ma' tibqax aktar disponibbli fi ħdan il-Unit għall-Osservanza ta' Benefiċċji. Kontrolluri tal-Protezzjoni tad-Data, Kapijiet u Uffiċjali tal-Protezzjoni tad-Data huma mgħarrfa dwar il-perjodi ta' żamma stabbiliti u ser joħorġu struzzjonijiet lill-Uffiċjali relevanti sabiex isegwu l-proċeduri indikati.

Ta' min wieħed jinnota li informazzjoni anonimizzata jew li tikkonsisti fi statistika, ma taqax fil-parametri ta' din il-Politika ta' Żamma peress li ma fihiex data personali.